MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Avviz Numru. 399/2011

**V. & J. Grima Ltd (C 5354)**

**Vs**

**Joseph Micallef (Karta ta' l-identita nru 454066M)**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart telef u disa' mija u tnejn u ghoxrin ewro u centezmu (€10,922.01c) rapprezenanti bilanc minn somma akbar prezz ta' fuel lill-konvenut mibjugh u kkonsenjat li baqa' ma thallasx.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi prezentat mar-rikors u bl-imghax kummercjali sad-data ta'

l-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment il-verbali tas-seduti li nzammu fit-23 ta' April 2012 u llum stess.

Ikkunsidrat

Illi, waqt li l-konvenut, avolja notifikat bl-avviz in esami (ara fol 13 tal-atti 'a tergo) qatt ma deher, quddiem l-istess Qorti, sabiex jikkontesta t-talba attrici u ma pprezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet is-socjeta' attrici pproduciet, waqt is-seduta tallum stess, lil Valerie Grima u din bhala 'managing director' tal-istess socjta' attrici, xehdet illi l-ammont mitlub fl-istess avviz, kien ghadu dovut sad-data tallum u dan ghar-raguni specifikata fl-istess xhieda.

Illi ghalhekk, dak mitlub fl-istess avviz ghandu jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' €10,922.01c bl-imghax legali mid-29 ta' Novembru 2011 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta' dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tad-29 ta' Novembru 2011, imsemmi fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------